**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 70/17 AL

**ab**

**-vs-**

**Dr Mark Mifsud Cutajar u l-prokuratur legali Nadine Farrugia bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Dicembru, 2011 f'Malta fir-Registru Pubbliku f'Malta bir-rit Civili;
2. Illi miz-zwieg tal-kontendenti ma twieldux tfal;
3. Illi wara proprju ftit gimghat li l-kontendenti zzewgu, huma sseparaw u l-intimata Makkia Nure telqet minn Malta lejn l-Italja u llum l-esponenti ma jafx x'sar minnha ghax kuntatt bejniethom gie terminat;

4. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin separati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
5. Illi bejn l-istess kontedenti m'hemm ebda kwistjoni dwar xi hlas ta' manteniment;
6. Illi ghalhekk ai termini tal-Art XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex previa kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi :

1. Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Dicembru 2011;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u illi l-intimata telqet minn Malta u ma jafx x'sar minnha;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.